VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

**21 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Daniel Diacono – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI:**

Alfred Zammit

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 21.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

21.0.1 Alfred Zammit – Viċi Sindku

## 21.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 19 kienu ikkonfermati

## 21.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li jixtieq jagħmel korrezzjoni għal-minuti tal-laqgħa preċedenti, huwa nforma li l-laqgħa ser tiġi sospiża biex jitkellmu l-President, Segretarju u l-Membru tal-Kumittat tal-Valletta FC. Sar diskors mill-president Claudio Grech dwar il-qagħda finanzjarja tal-Club. Huwa tkellem dwar il-bżonn li l-agreement li ġie ppreparat minnhom jiġi ffirmat mill-aktar fis biex ikunu jistgħu jgħaddu għal-fażi li jmiss. Il-Viċi Sindku AZ insista li min 60/40 il-persentaġġ jiġi 100/0 favur il-Valletta fc. Il-Kunsillieri qablu li jagħtu l-għajnuna lil club pero kien hemm ukoll suġġeriment li għandu jiġi mitkellem l-avukat qabel dan jiġi konkluż. Il-President wergħa x-xewqa li jingħata risposta immedjatament u għalhekk is-Sindku mar għal-vot. Il-Kunsillieri RA u DD astjenew fuq it-tieni vot minħabba li riedu kjarifika u serħan il-moħħ min-naħa ta' l-avukat tal-Kunsill biex jassiguraw li kollox qed isir skond il-parametri għal-fini ta' liġi u konformita u governanza tajba.

Il-Proposta tal-VFC tinkludi:
l-Parking ta' yellow garage li jingħatha 100% lil VFC. Wara li l-art tiġi devoluta u l-proċessi neċessarji kollha meħtieġa.
L-Użu tal-Ġnien Hastings – użu ta' Ġnien Hastings fuq schedule tal-kunsill, cioe meta jkun hemm spazju sabiex isiru attivitajiet fuq il-kalendarju tal-kunsill
L-Bye-law ta' l-advertising li għandu l-kunsill – issir riklamar fil-Belt Valletta taħt il-bye law tal-kunsill, b'kull riklamar isir permezz ta' booking mill-kunsill, hekk kif hemm fid-draft agreement.

Ittiehdu 2 voti:

1. Vot li l-kunsill jaqbel mal-prinċipju li l-Kunsill għandu jgħin lill-Valletta FC.
   Il-Kunsill kollu qabel dwar dan. B'vot unanimu.

2. Vot li l-Kunsill jaqbel mal-proposti mresqa mill-Valletta FC biex imexxu għal-pass li jmiss.
   OM,YM, VF,AZ,RB qablu li jmexxu għal-pass li jmiss. Il-kunsillieri RA u DD astjenew minħabba raġunijiet aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

Qabel il-laqgħa s-Sindku nforma lis-Seg Ez. biex jattendi l-avukat pero dan ma setgħax minħabba impenjii oħra. Huwa bgħat xi punti bħala gwida via email u nforma li ser jibgħat ittra l-għada lil-kunsill.

Is-sindku preżenta dokument b'din il-kitba biex jiġu mniżla f'dawn il-minuti:

*Fil-laqgħa li għaddiet kien diġa ttieħed vot, fejn il-parir legali kien diġa ġie magħruf. Il-parir legali ulterjuri wasal xahar tard, għaliex ovvjament fuq dan il-materja diġa ttieħed vot u issa jinsab f'idejn l-Awtorita biex tieħu deċiżjoni dwar id-devolution.*

*Minn dak li hemm miktub fl-ittra tal-avukat, ma hemm xejn ġdid mill-punti li diġa ġew diskussi u li fuqhom ittieħed vot. Kull min ivotta, ivotta skont dak li jemmen u skont il-kuxjenza tiegħu.*

*Naħseb li nkunu lkoll irresponsabbli lejn ir-residenti u dawk li għandhom għal qalbhom it-team tal-belt jekk nerġgħu nqajmu din id-diskussjoni mill-ġdid. Hawnhekk għandna kollha responsabbilta meta nivvutaw.*

21.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li huwa ser iressaq quddiem il-kunsill proposta biex il-Kuntratt tal-knis jiġi terminat. Huwa nforma li x-xogħol mhux isir up to standard u mhux kuntent bi servizz li qed jingħatha. OM mhux kuntent bis-servizz minħabba l-footfall tal-belt Valletta qed jattira mas-60,000 elf persuna kuljum, filwaqt attivita tal-Airbnb's anki fiż-żoni residenzjali tlaħħaq mal-600 active units. Għaldaqstant hemm bżonn li jsir tibdil radikali kif isir it-tindif. Jekk il-kuntratt għadu attiv, jibqa jopera fuq tasks oħra, jekk il-kuntratt skada, jiġi terminat.

Bħalissa l-kunsill qed iħallas madwar 16,000 ewro fix-xahar għal dan is-servizz eżistenti b'total ta 7 kenniesa kif tgħid il-ligi. OM ippreżenta proposata mill-Valletta mananagement plan kif ġej:

- A tender has been issued for the supply, delivery, commissioning, and preventive maintenance of four (4) brand-new fully electric sidewalk washers for the Ministry for Culture, Lands and Local Government, with the possibility of modifying the tender to include two additional units. Estimated delivery end of December2025.It is estimated that (CMD knowledge) that each machine will provide an output equivalent to 5 sweepers.
- A separate tender has been issued for the supply, delivery, and commissioning of two (2) brand-new fully electric vans equipped with waste-compacting skips, with the option to modify the tender to include one additional unit. Estimated delivery is mid- February 2026.

- Additionally, a tender will be published by December 2025 for the service of personnel to operate the cleansing equipment and provide manual cleaning services including emptying of bins. The proposed staffing configuration is as follows:
- 14 personnel (1 driver + 1 collector) to operate the electric vans with waste-compacting skips, working daily from 9:00 AM to 9:00 PM on a rotating basis (day-in / day-out).
- 12 personnel to operate the electric sidewalk washers, also working daily from 9:00 AM to 9:00 PM on a rotating basis (day-in / day-out).
- 2 supervisors, one per shift, to oversee operations.
- 7 personnel to provide manual cleansing services using traditional broom and pail methods (with the possibility of providing electric cleaning chariots)
- This brings the total number of personnel to 35 (on a shift basis). The Valletta Management Plan: Operations and Upkeep Committee has approved this configuration and will cover all financial costs related to both the equipment and personnel.

21.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li huwa nforma li ser jieħu over l-Valletta Management Plan. Huwa preżenta proposta li ntbgħatet ftit qabel il-laqgħa mis-Segretarju tal-VMP – VMP se jkun qed jieħu over iż-żoni residenzjali.

21.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay informa li qed jippreżenta lil kunsill sotto-kumittat – sports. Il-kumittat ser ikun iffurmat min Roberta Bonello bħala chairperson, Desier Debono bħala segretarju, Olaf Mckay, Gabriella Ciacciattolo u Michael Borg, bħala rappreżentanti l-għaqdiet sportivi hawn taħt imniżlin:

Marsamxett Regatta
Valletta Basketball
Valletta Lions table football
Valletta Subbuteo Club
Valletta Stars AFT
Valletta St.Paul's AFT

Valletta Rovers AFT
Valletta st.Pauli AFT
Marsamxett Bocci
St.Paul's Bocci
Valletta Rugby Club

21.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mac-CEO tal-Arms ltd, fejn saret diskussjoni biex il-kunsill jibda jilqa' żewġ impjegati tal-Arms biex jagħtu servizz mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Il-kunsill qabel li għandha ssir proposta li jsir ħlas kull sena taż-żewġ skrivani li ser jużaw. Il-kunsill qabel li tintgħalab is-somma ta' elf u ħames mija fix-xhar.

21.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay talab li s-Segretarju Eżekuttiv biex tmexxi bil-bye law tal-qisien tal-vetturi li jistgħu jitħlu ġewwa l-Belt Valletta.

21.2.7 Is-Sindku Olaf Mckay informa li fil-laqgħa li jmiss ser jistieden lil kumpanija Tomatic Ltd biex tagħmel preżentazzjoni lil kunsill lokali.

21.2.8 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li kellu laqgħa mal-artistic director tal-ftuħ tas-sena kulturali tar-reġjun, huwa informa li se titwaħal plakka f'post prominenti fil-Belt Valletta u se jkunu involuti iż-żewġ baned beltin. Il-Kunsill ser ikollu joħroġ ammont zgħir ta' flus minħabba l-budget m'huwiex biżejjed biex ikopri iż-żewġ baned beltin.

21.2.9 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li se tkun qed tinxtal is-siġra li ħadu ħsieb il-Valletta Cultural Agency.

21.2.10 Is-Sindku Olaf Mckay nforma li fil-laqgħa li jmiss ser ikun qed jinforma lil kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-ħammiem.

## 21.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.3.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet diversi mistoqsijiet dwar pagamenti relatati ma' attivitajiet u safar.

21.3.2 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet dwar ir-risposta tal-istreet Naming Comittee, u d-deċiżjoni li ħadu dwar pjazza San Pawl fiż-żona ta' quddiem il-barrakka t'isfel.

21.3.3 Il-Minority Leader Ylenia Montfort staqsiet lis-Sindku għat-travel reports, huwa informa li se jgħaddihomla l-laqgħa li jmiss.

21.3.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi staqsa mistoqsijiet dwar tlett pagamenti, dwar pagament tal-Lands Authority fuq kirja li tammonta €8,250.00, dwar il-pagament ta' Venscic li jammonta ghal €2,987.00 u dwar pagament ta' Luke Cassar li jammonta ghal €5,000.00. Il-kunsillier Azzopardi staqsa diversi mistoqsijiet u talab li fil-laqgħa li jmiss is-Sindku jippreżenta x-xogħol relatat mal-pagament ta' Luuke Cassar.

21.3.5 Il-Kunsillier Daniel Diacono wera d-dispjaċir tiegħu għall-mod kif kien l-involviment tal-kunsilliera fil-programm *Bonġu Malta*.

21.3.6 Il-Kunsillier Daniel Diacono staqsa lis-Sindku OM jekk mhux ser jerġa jtellgħa quddiem il-kunsill ir-rapporti kemm tal-avukat tal-kunsill kif ukoll ir-rapport tal-avukat indipendenti li ġie mqabbad minnhom. Is-Sindku informa li l-proposta għaddiet fil-laqgħa preċedenti u ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss.

21.3.7 Il-Kunsillier DD talab lis-Sindku OM jikkoreġi kliemu sabiex ma jibqax jagħti x'jifhem bi kliemu li l-istess kunsillier DD kien kontra l-proġett mal-VFC jew xi forma oħra ta' għajnuna lil istess klabb.

## 21.4 Rapporti

NIL

## 21.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

21.5.1 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma li qed ikelmuh xi residenti minn triq Sant Ursula dwar il-parking tal-vetturi fuq il-bankini.

21.5.2 Il-Kunsillier Vince Fabri fakkar li għal jum il-Belt kellu jiġi printjat il-ktieb ta' Michael Galea.

21.5.3 Il-Kunsillier Vince Fabri nforma li wara li tkellem m'Arthur Dimech kien qed jipproponi li ssir recovery room għall-qtates ġewwa il-Ġnien Hastings.

21.5.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li kif diġa informa lil kunsill kollu nhar it-Tnejn 3 ta' Novembru 2025, ser jigi organizzat coffee morning għar-residenti Beltin nhar il-25 ta' Novembru 2025.

21.5.5 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi preżenta mozzjoni; *Amministrazzjoni tal-Pjattaformi tal-Midja Socjali tal-Kunsill,* f'din il-mozzjoni RA kien il-proponent u DD kien is-sekondant. Il-kunsill kollu qabel dwar din.

21.5.6 Il-kunsillier Daniel Diacono nforma li kif bgħat fl-email saret l-attivita tat-tqassim tal-boroż ta' San Martin flimkien mal-Minority Lead YM.

21.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed tippreżenta lil kunsill l-applikazzjoni għal ġemellaġ tal-Grecja, Portsmouth, u Byblos wara diskussjoni bejn il-kunsilliera sar qbil li jitmexxew biss il-ġemellag ta' Aristotle u Portsmouth.

21.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fil-gimgħa preċedenti hija bgħatet ir-rapport tat-tender tad-dawl tal-Milied, it-tender intrebaħ min D Street Lighting. Il-kunsill qabel dwar dan.

21.5.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li id-dipartiment tal-Gvern Lokali informa li jrid issir kumittat tal-Finanzi, f'dan il-kumittat il-membri ser ikunu l-accountant, is-Sindku OM, is-Segretarju Ezekuttiv GA, il-Mintority Leader YM, u l-kunsillier RA.

21.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet default notice li lil kumpanija Griffin Limited dwar l-istat li qed jinżammu l-Public Conveniences.

21.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet preżentata l-applikazzjoni ta' Hastings Garden għad-devoluzzjoni. Din ser tiġi preżentata lid-department tal-gvern lokali wara li jiġu iffirmati dawn il-minuti. Wara li jkun hemm din l-approvazzjoni mid-DLG. Issir l-online application mal-lands. Il-kunsill qabel dwar dan.

21.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tixtieq tagħti risposta lil Minority Leader għal-mistoqsija li preżentat fil-laqgħa preċedenti dwar il-minuti tal-Valletta Management Plan. GA nfurmat li s-segretarju tal-VMP informa li l-minuti ma jistgħu jiġu mgħoddija imma is-Sindku li hu rappreżentant ser ikun qed jagħti rendikont ta' kull laqgħa li ssir bl-affarijiet relatati mal-Belt Valletta

21.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-permess tal-Planning Authority ta' pjazza san Domenico f'misraħ Sant Iermu issa ħareġ u għalhekk kif jinħarġu skemi għal proġetti ser tkun qed tapplika biex dan jiġi renovat.

21.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kella talba mingħand il-kumpanija CVA Technology Limited biex għal perjodu qasir ta' tmien gimgħat jużaw l-uffiċini tal-Kunsill biex jagħtu servizz minħabba li se jagħmlu xi renovar fl-uffiċini tagħhom.

21.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Sachen Zammit ser tkun l-Aġent Segretarju, la darba MC qiegħed b'long leave. Il-kunsill qabel dwar dan.

21.5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tkun qed iġedded disgħin siegħa vacation leave għas-sena 2026.

21.5.17 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-magazine ser ikun qed jitqassam mill-Malta Post fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru.

21.5.18 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-segretarja tal-bord tal-evalwazzjoni tat-tenders infurmat il-Kunsill kollu li bghatet email li ġiet mibgħuta mill-kuntratturi li rebħu t-tender tal-faccata ta' San Pawl hija nfurmat li l-kuntratturi talbu 40,000.00 euro minħabba li nesew inizlu r-rata tal-iscaffolding. SZ infurmat lil kuntrattur wara li ħadet il-pariri neċessarji mingħand ic-chairman jekk dan huwiex possibli, peress li żieda tal-ammont ma kienx possibli SZ infurmat lil kunsilliera kollha u intbgħatet email bir-risposta lil kuntratturi li rebħu t-tender. Il-kunsill kollu qabel dwar dan.

21.5.19 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet mistoqsija aktar mistoqsijiet mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proġett ta' taħt il-kunsill hija rrispondiet il-mistoqsijiet kollha pero nfurmat li għandha laqgħa mal-SCH dwar dan il-proġett.

## 21.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 21.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

21.8.1 Ottubru 2025

**Il-Kunsill aġġorna għal- ta' 11 ta' Dicembru 2025 17.00hrs**

**IFFIRMATA**

Olaf McKay
Sindku

**IFFIRMATA**

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv